

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Administradora y Franquicias América, SA (Santiago, Ċili) u Inversiones Ged Ltda (Santiago)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Marzu 2014 (Każ R 1824/2013-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn, minn naħa, Administradora y Franquicias América, SA u Inversiones Ged Ltda u, min-naħħa l-oħra, José-Manuel Davó Lledó.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) José-Manuel Davó Lledó huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 253, 04.08.2014

## Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tat-28 ta' Jannar 2016 – Klyuyev vs Il-Kunsill

(Kawża T-341/14) (<sup>1</sup>)

*(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni ta’ isem ir-rirkorrent — Prova tal-fondatezza tal-iskrizzjoni fuq il-lista”)*

(2016/C 098/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Sergiy Klyuyev (Donetsk, l-Ukraiana) (rappreżentanti: R. Gherson u T. Garner, solicitors, u B. Kennelly, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. de Elera San Miguel Hurtado u J.-P. Hix, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gauci u T. Scharf, aġenti)

## Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/876, tal-5 ta' Ġunju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119, (ĠU L 142, p. 30), u tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/869, tal-5 ta' Ġunju 2015, li jimplimenta r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU L 142, p. 1), sa fejn l-isem tar-rirkorrent huwa iskritt fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

## Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, huma annullati sa fejn l-isem ta' Sergiy Klyuyev kien iskritt fuq il-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Sergey Klyuyev fir-rigward tat-talba għal annullament imressqa fir-rikors.
- 4) Sergey Klyuyev huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kunsill fir-rigward tat-talba għal annullament imressqa fin-nota ta' adattament tat-talbiet.
- 5) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 261, 11.8.2014.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016 – Arbuzov vs Il-Kunsill

(Kawża T-434/14)<sup>(1)</sup>

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-ifriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tar-rikorrent — Prova tal-fondatezza tal-iskrizzjoni fil-lista”)

(2016/C 098/49)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

#### Partijiet

Rikorrent: Sergej Arbuzov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: M. Machytková u P. Radošovský, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Westerhof Löfflerová u J.-P. Hix, aġenti)

#### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26), u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU L 111, p. 91), sa fejn l-isem tar-rikorrent huwa iskritt fuq il-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi.

#### Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, kif emadata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119, hija annullata sa fejn tikkonċerna lil Sergej Arbuzov.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Sergej Arbuzov.

<sup>(1)</sup> ĠU C 282, 25.8.2014.